*Alexander Bonnici OFM Conv. HED, SThL, PhB.*

# DUN FRANĠISK BUTTIĠIEĠ
## Kappillan f'Ħad-Dingli bejn żewġ Isqfijiet bl-approvazzjoni tal-Gvernatur Stuart (1847 - 1848)

**Suċċessur għal Dun Anton Vassallo**

Fl-1846, Dun Anton Vassallo ħalla minn Kappillan f'Ħad-Dingli għax ġie magħżul biex imexxi l-parroċċa ta' Ħ'Attard. L-aħjar fost dawk li daħlu għall-konkors biex jieħdu l-parroċċa ta' Ħad-Dingli f'idejhom kien Dun Franġisk Buttiġieġ, qassis Għawdxi ta' 28 sena. Kien minn familja fqira. Ma kellux ħlief patrimonju li jirrendilu xi għaxar skudi fis-sena. Għalhekk, il-Kan. Dun Salv Lanzon, bħala l-Arċidjaknu u l-Vigarju Ġenerali ta' Mons. Franġisku Saverju Caruana, Isqof ta' Malti u Arċisqof titulari ta' Rodi, fil-25 ta' Novembru, 1846, iddikjara li Buttiġieġ, jekk isir Kappillan, jingħata prebenda ħalli tkunlu ta' għajnuna fl-għajxien tiegħu. Il-prebenda ta' Kappillan ta' Ħad-Dingli kienet se tkun ta' 63 skud u nofs. Meta kienu se jitnaqqsu l-piżijiet u l-ispejjez marbutin magħha, u jiżdied id-dħul inċert, il-prebenda setgħet taqbeż xi ftit il-mitt skud ta' Ruma fis-sena.[1]

**Nomina mill-Papa u Approvazzjoni mill-Gvernatur**

Buttiġieġ sar Kappillan ta' Ħad-Dingli bil-qawwa ta' bolla appostolika li ħarġet bl-awtorità tal-Papa Piju IX, li kien fl-ewwel sena tal-Papat tiegħu. Ġie ddikjarat, fil-21 ta' Jannar, 1847, li Buttiġieġ kien jistħoqqlu li jmexxi l-parroċċa ta' Ħad-Dingli. Żdied ukoll li d-dħul tiegħu, b'dak li kien inċert, kellu mnejn iwassal għal 160 dukat fis-sena.[2]

Il-bolla ntbagħtitlu fis-27 ta' Jannar, 1847. Waslet f'idejn Buttiġieġ wara qrib ġimagħtejn. Imma, qabel ma sata' jkollha l-valur tagħha, kellu joqgħod għall-liġijiet oħrajn ta' żmienu. Fit-12 ta' Jannar, 1838, kienet ħarġet proklama li laqtet lill-Ekklesjastiċi kollha li ġew mogħtijin xi titlu jew xi benefiċċju minn Awtorità barranija. Jekk il-Gvernatur ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu kull nomina u kull benefiċċju kienu jitqiesu invalidi. Sadanittant, il-Gvernatur għal Malta kien tbiddel. Fl-1847, il-Gvernatur kien Sir Patrick Stuart, li ma kienx maħbub mill-Maltin. Billi l-Papa wkoll hu mexxej barrani, in-nomina ta' Kappillan ma setgħetx tkun valida mingħajr l-approvazzjoni tal-Gvernatur. Għalhekk, fil-11 ta' Frar, 1847, Dun Franġisk Buttiġieġ ressaq quddiem il-Gvernatur Stuart ir-rikors tiegħu ħalli jingħata l-approvazzjoni meħtieġa. Hu nforma lill-Gvernatur bil-għażla tiegħu, u staqsa jekk kienx hemm xi oġġezzjoni għall-esekuzzjoni tad-dokumenti ta' Ruma.

L-għada stess, 12 ta' Frar, William Sim, l-Aġent Segretarju Ġenerali, bagħat jgħarraf lil Buttiġieġ li Stuart japprova l-għażla tiegħu biex ikun Kappillan għal Ħad-Dingli.[3] Minnufih, fl-istess ġurnata tat-12 ta' Frar, Buttiġieġ ippreżenta lill-Vigarju Ġenerali Lanzon id-dokumenti kollha tiegħu. Imma, fid-dikjarazzjoni tal-Kurja Djoċesana, ma jissemmewx ħlief l-ittri appostoliċi.[4]

**Pussess u Bidu ta' Ħidma**

Ma kienx hemm dewmien. Is-Sibt, 13 ta' Frar, 1847, il-Vigarju Ġenerali, bħala Delegat Appostoliku, iddikjara fil-Kurja l-Kbira ta' l-Isqof li Buttiġieġ kellu jingħata

l-pussess tal-parroċċa ħalli jibda' l-ħidma pastorali bid-drittijiet, benefiċċji, u dmirijiet kollha li jiġu magħha.[5]

L-għada stess, 14 ta' Frar, Dun Franġisk Buttiġieġ ġie mogħti mill-Vigarju Ġenerali l-pussess tal-parroċċa ta' Santa Marija ta' Ħad-Dingli. Ix-xhieda kienu Dun Pawl Camilleri: qassis mis-Siġġiewi, u Dun Ġwann Abela: il-qassis waħdieni li kien hemm f'Ħad-Dingli.[6]

Il-Kappillan mar joqgħod fil-Kanonika ta' Ħad-Dingli, li kienet fi Triq San Rokku. Kellu miegħu lil missieru Mikiel ta' 44 sena. Imma, fl-istess dar miegħu, kien hemm ukoll tliet kjerċi. Tnejn minnhom kienu ħutu: Ġużeppi (ta' 23 sena) u Salvu (ta' 12-il sena). Il-kjerku l-ieħor kien Orazio Buttiġieġ ( ta' 23 sena), pro-neputi tal-Kappillan. Kjerċi oħrajn fil-parroċċa ma kienx hemm. Imma kien hemm, fi Triq il-Buskett, Dun Ġwann Abela, ta' 44 sena, li kien għamillu xhud fil-pussess.[7]

**Minn Ġrajjiet Parroċċa Ċkejkna**

Il-Kappillan malajr ħa f'idejh il-piż tal-parroċċa. Imma, l-ewwel magħmudija ta' żmienu, li kienet fil-15 ta' Frar, l-għada tal-pussess tiegħu, saret minn Dun Ġwann Abela. Hu għammed lil Ġanna Camilleri.[8] L-ewwel darba li jidher isem il-Kappillan fir-reġistri uffiċjali kien fis-26 ta' Marzu, 1847, meta għammed lil Katarina Xerri.[9]

Dan kien parrokat qasir f'raħal ċkejken ta' bdiewa. Buttiġieġ ħalla jgħaddu xahrejn biex ippreżenta ruħu quddiem il-Vigarju Ġenerali ħalli jieħu l-ġurament tiegħu bħala Kappillan. Fit-12 ta' April, 1847, hu mar fil-Kurja ta' l-Isqof biex jieħu l-ġurament li jaqdi d-dmirijiet tiegħu kollha bħala ragħaj spiritwali. Bħala xhieda għal dak il-ġurament kien hemm Dun Ġwann Bonomo (il-Kanċellier tal-Kurja) u Dun Franġisk Caruana (qassis minn Ħal Tarxien).[10]

F'dik l-istess sena, fil-11 ta' Lulju, 1847, ġiet amministrata l-Griżma ta' l-Isqof lil seba' subien u ħames bniet minn Ħad-Dingli. Imma l-Griżma ma saritx f'Ħad-Dingli. It-tfal ittieħdu fil-parroċċa ta' San Pawl tar-Rabat. Għamilhielhom l-Isqof Publju M. Sant, l-Awżiljarju ta' l-Arċisqof Caruana, li kien marid ħafna[11]. Fil-fatt, l-Arċisqof Franġisku Saverju Caruana miet fis-17 ta' Novembru, 1847, u Sant kien is-suċċessur tiegħu.[12]

Qabel ma Buttiġieġ temm il-ħidma tiegħu f'Ħad-Dingli, l-Arċisqof Sant, fit-23 ta' Mejju, 1848, mar fil-parroċċa għall-ewwel viżta pastorali tiegħu. F'dik l-okkażjoni, l-Arċisqof amministra s-sagrament tal-Griżma fil-knisja parrokkjali lil tnax-il tifel, u lil disa' bniet.[13]

Fl-okkażjoni ta' dik il-viżta, il-Kappillan ħejja *Status Animarum* bl-ismijiet u l-etajiet tal-fidili kollha. Kien lest fl-20 ta' Mejju. Minnu nafu nafu li, f'Ħad-Dingli, kienu joqgħodu 418-il persuna. 207 kienu ta' sess maskil, waqt li 211 kienu ta' sess femminil.[14] Minn din ir-relazzjoni, nafu wkoll kif kien imqassam ir-raħal. It-toroq kienu jġibu dawn l-ismijiet: il-Ġdida, Għar Bittija, S. Marija Maddalena, Rjali, il-Buskett, id-Dejqa, il-Għajn, Santa Marija, Santa Duminka, il-Kunċizzjoni, u San Rokku.[15] Dawn l-ismijiet kollha għadhom jeżistu minbarra Triq il-Ġdida (li llum hi Triq il-Parroċċa) u Triq Irjali (li hi Triq il-Kbira).

Fi żmien Buttiġieġ, saru tlitt tiġijiet biss f'Ħad-Dingli.[16] Imbagħad, fl-istess sena 1848, Dun Franġisk Buttiġieġ ġie magħżul bħala Kappillan ta' Ħal-Luqa, u, mill-25 ta' Jannar, 1849, il-parroċċa bdiet titmexxa minn Kappillan ġdid li kien Dun Indrì Mallia.[17]

**Dokumentazzjoni**


1. AAM, *Kanc.*, III, Dingli, ff. 1r, 4r-v
2. *Ib.*, ff. 2r, 3r.
3. Nam, *CSG*, 10/1. f.89
4. AAM, *l. c.*, f .1r.
5. *Ib.*, f. 5r-v.
6. *Ib.*, ff. 6v-7r.
7. APD, *St.A.*, IV.
8. APD, *Bapt.*, 1816-1885, f. 84.
9. *Ib.*, f. 85.
10. AAM, *l.c.*, f.7v.
11. APD, *Conf.*, II (1720-1874), 11/7/1847.
12. R. Ritzler-P. sefrin, *Hier. Cath.*, VIII, 1978, p. 378.
13. APD, *Conf.*, II, 23/5/1848.
14. APD, *St.A.*, IV.
15. *Ib.*
16. APD. *Matr.*, IV (1877-1883), ff. 122-123.
17. NAM, *CSG*, 10/1, f.112; AAM, *Kanc.* III Dingli, 25/1/1849.


**Abbrevjazzjonijiet**

| | |
|---|---|
| AAM | Arkivju Arċiveskovili (Furjana) Malta |
| APD | Arkivju Parrokjali Ħad-Dingli |
| Bapt. | Baptismata: Magħmudijiet |
| Conf. | Confirmatio: Griżma ta' l-Isqof |
| CSG | Chief Secretary to Governor |
| Hier. Cath. | Hierarchia Catholica |
| Kanc. | Kanċellerija |
| Matr. | Matrimonia: Żwiġijiet |
| NAM | National Archives (Rabat) Malta |

## Sehem il-Baned fil-Festa

- **Is-Sibt, 10 ta' Awissu** – Il-Banda Santa Marija ta' Ħad-Dingli tieħu sehem fl-okkażjoni tal-Ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija.
- **Il-Ħadd, 11 ta' Awissu fid-9.00 a.m.** – Il-Banda Santa Marija ta' Ħad-Dingli tieħu sehem fil-korteo u l-quddiesa b'tifkira mit-twaqqif tagħha.
- **It-Tnejn, 12 ta' Awissu fit-8.30 p.m.** – Il-Banda Santa Marija ta' Ħad-Dingli tieħu sehem f'Lejla Maltija organizzata mill-istess Banda f'Misraħ Frenċ Abela.
- **Il-Ġimgħa, 16 ta' Awissu fit-8.30 p.m.** – Marċ brijuż mill-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ li jgħaddi minn dawn it-toroq: Għar Bittija, Housing Estate II, San Pawl tal-Pitkali, Misraħ Suffara, Ġużè Ellul Mercer, Ċensa Spiteri, Misraħ Frenċ Abela, il-Kunċizzjoni, il-Kbira, il-Parroċċa u l-Pjazza.
- **Is-Sibt, 17 ta' Awissu fit-8.00 p.m.** – Marċ brijuż mill-Banda Santa Marija ta' Ħad-Dingli li jgħaddi minn dawn it-toroq: il-Buskett, il-Kbira, Santu Rokku u l-Parroċċa. Wara, l-istess Banda tesegwixxi Programm Mużikali fil-Pjazza tal-Knisja u ddoqq l-Innu l-Kbir.
- **Il-Ħadd, 18 ta' Awissu fl-10.30 a.m.** – Marċ brijuż mill-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Kirkop li jgħaddi minn dawn it-toroq: il-Kbira, l-Irdum, Għar Bittija, il-Knisja, Salvu Azzopardi, Ġużè Ellul Mercer, l-Għajn, Santa Duminka, Santa Marija, il-Kbira, il-Parroċċa u l-Pjazza.
- **Il-Ħadd, 18 ta' Awissu fis-5.45 p.m.** – Marċ mill-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat li jgħaddi minn dawn it-toroq: il-Kbira, il-Parroċċa u l-Pjazza. L-istess Banda ddoqq waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni, tesegwixxi Programm Mużikali u terġa' ddoqq fid-dħul tal-Purċissjoni.
- **Il-Ħadd, 18 ta' Awissu fis-7.00p.m.** – Il-Banda 'Peace' tan-Naxxar takkompanja l-Istatwa Titulari matul il-Purċissjoni kollha.
- **Il-Ħadd, 18 ta' Awissu fl-10.15 p.m.** – Il-Banda Santa Marija ta' Ħad-Dingli tagħmel il-Marċ ta' l-Aħħar li jgħaddi minn dawn it-toroq: il-Kbira, il-Parroċċa u Misraħ Frenċ Abela.